

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 408/2011**tas-27 ta' April 2011**

li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika li tikkonċerna l-peſtiċidi, fir-rigward tal-format tat-tažmissjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Ewropew tas-Sistema tal-Istatistika,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-dejta statistika dwar it-tqegħid fis-suq tal-peſtiċidi kif imfisser fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1185/2009 permezz tal-format tad-Dejta Statisitika u l-Metadata eXchange (SDMX). Id-dejta għandha tintbagħat fil-punt uniku tad-dħul tad-dejta fil-Eurostat jew tittella' hemm-hekk b'mezzi elettroniċi.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar l-istatistika li tikkonċerna l-peſtiċidi⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1185/2009 jistabbilixxi qafas ġdid għall-produzzjoni tal-istatistika Ewropea dwar il-bejħ u l-użu tal-peſtiċidi.
- (2) Skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (KE) Nru 1185/2009, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-dejta statistika fforma elettronika, b'mod konformi mal-format tekniku xieraq li għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni.
- (3) Biex tiġi żgurata l-kunfidenzjalità, se tiġi inkluża fil-fajl tat-tažmissjoni bandiera li tindika jekk l-informazzjoni mgħoddija dwar is-sustanza, il-klassi kimika, il-kategorja tal-prodott jew grupp maġġuri hijiex kunfidenzjali jew le.

L-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-dejta meħtieġa b'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi relatati pprovduti mill-Kummissjoni (Eurostat).

Artikolu 2

Il-format tekniku għat-trażmissjoni tad-dejta lejn il-Kummissjoni (Eurostat) huwa mfisser fl-Anness.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum mindu jkun ġie ppubblifik f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' April 2011.

*Għall-Kummissjoni**Il-President*

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 324, 10.12.2009, p. 1.

ANNESS

Format għat-trażmissjoni ta' dejta statistika dwar it-tqegħid fis-suq ta' pestiċidi

L-informazzjoni li ġejja għandha tkun inkluża fil-fajls tat-trażmissjoni:

Għadd	Qasam	Rimarki
1	Pajjiż	Kodiċi 3-alfa (eż. FRA)
2	Sena	eż. 2010
3	Grupp maġġuri	Kodiċi elenkat fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1185/2009, skont l-aħħar aġġornament
4	Kategoriji ta' prodotti	
5	Klassi kimika	
6	Sustanza	
7	Għall-oqsma nnumerati 3, 4, 5 u 6, il-kwantità mibjugħha	Għandha tiġi espressa f'kilogrammi ta' sustanzi.
8	Għall-oqsma nnumerati 3, 4, 5 u 6, il-bandiera dwar il-kunfidenzjalită	Iva/le